# L-Ewwel festa bħala Parroċċa

Minn **Lorenzo A. Zahra**

Kulħadd kelma waħda kien f'dawk il-jiem, "Kienet festa mill-kbar u b'entużjażmu tassew tal-qalb". Mela x'kienet din il-festa? Iva kienet il-festa ta' meta l-Knisja ta' San Publju, l-ewwel Isqof ta' Malta ġiet dikjarata Parroċċa. Kienet is-sena 1844, u mal-faċċata tal-knisja tqiegħed tabellun kbir bi kliem bil-Latin; *Gaudete-Iterum Dico-Gaudete.* 'Ifirħu, ifirħu qed ngħidilkom' - kliem meħudin mill-ittri ta' San Pawl, naturalment kienu magħżula apposta mill-Furjaniżi, għaliex il-Parroċċa ta' San Publju, l-ewwel Isqof ta' Malta ħarġet minn dik tal-Appostlu Missierna San Pawl.
Ma kenitx ħaġa ħafifa għall-Furjaniżi f'dawk iż-żminijiet li l-Furjana, subborg tal-Belt, tinqata' għal kollox u ssir għaliha. Dan għaliex, f'dawk iż-żminijiet, meta l-poplu ftit li xejn kellu biex jehda, il-parrokjaliżmu kien fl-aqwa tiegħu. U bejn il-Beltin u l-Furjaniżi kien hemm differenzi differenzi kbar fejn tidħol din il-ħtieġa.




***Dun Giuseppe Ellul-L-ewwel Kappillan tal-Furjana***



***Is-Surmast Vincenzo Bugeja***

Iżda fl-aħħar inqatgħet, u ma' dik it-tabella kbira mal-faċċata tal-knisja, kien hemm oħrajn mal-gallerijiet tan-nies, iżda bi kliem u kitba mod ieħor. Tistgħu taħsbu inthom x'setgħu kienu.

Il-knisja kienet imżejna bl-aktar opri sbieħ li kellha meta l-Isqof Sant daħal fost ferħ, għajjat u ċapċip biex jintona t-*Te Deum.* Ma għandniex xi ngħidu, kollox sar bl-akbar solennità, iżda l-aktar li kienu jħobbu l-Furjaniżi, kif għadhom sal-lum, kienet l-antifona sabiħa li żżanżnet proprju dakinhar mis-Surmast Bugeja. U l-ġurnali jgħidu li Bugeja kellu orkestra kbira ħafna dakinhar għax kien jaf li l-antifona kellha tkun milqugħa tajjeb wisq. U kienu bosta n-nies mill-Belt Valletta u mit-tlett ibliet, ħafna dilettanti tal-mużika li ma naqsux imorru dakinhar.

Kien hemm mixgħela kbira, naturalment biż-żejt, għax la dawl tal-gass, wisq anqas tal-elettriku ma kienu jeżistu. Fejn il-Palazz Montgomery kien hemm palk tal-banda imdawwar b'folol ta'nies jisimgħu il-Banda tar-Reġiment No.88 iddoqq programm taħt is-surmast Angelo Galea. Għal dawk li marru għall-festa kienet festa tassew sabiħa.

# Mill-Imgħoddi...

PROGRAMMA
DELLA FESTA NAZIONALE
DI

## SAN PUBLIO MARTIRE

*Principe e Primo Vescovo di Malta che si celebrerà nella Chiesa Arcipretale e Parrocchiale di Floriana nei dì*
**6, 7, 8, 9 e 10 Aprile 1932.**

### FESTE INTERNE

**Il dì 6, 7, 8 Aprile**—Triduo Solenne—Alle 6 p.m. Vespero e Predica da tenersi dal Molto Rev.do Padre Alipio Xerri O.S.A.

**Il dì 9 Aprile** alle ore 5.45 p.m.—Solenne Traslazione della Reliqua del Santo Martire, condotta da S. E. Rev.ma Mons. Dom. Mauro Caruana, O.S.B., G.C.O.G., K.B.E., Arcivescovo Vescovo di Malta, Nostro amatissimo Diocesano, indi Vesperi solenni cui funzionerà il Nostro Molto Rev.do Arciprete Angelo Ghigo D.D., J.C.D. indi Benedizione Sacramentale.

**Il dì 10 Aprile** GIORNO DELLA FESTA—Alle ore 5.30 a.m. Matutino Solenne a Canto Gregoriano.

Alle 8 a.m.—Messa Piana con comunione generale celebrata dall'Ill.mo e Rev.mo Mons. Can. Cap. Paolo Galea J.U.D., Vicario Generale.

Alle 9 a.m.—Terza Cantata indi Messa Solenne celebrata dallo stesso Molto Rev.do Arciprete Angelo Ghigo D.D., J.C.B. Dopo il Vangelo tesserà le lodi del Santo Martire in italiano il Rev.do Padre Giuseppe M. Xuereb O.P., S.Th.L., J.C.D.

**Di Sera** alle 3 30 p.m.—Predica in Vernacolo da recitarsi dal Molto Rev.do Sac. Giuseppe Delia Miss., indi Vesperi solenne.

Verso le 5.30 p.m.—Solenne Processione col Simulacro del Santo Martire condotta dall'Ill.mo Mons. Can. Cap. Dr. Francesco Mallia B.A., D.D., J.U.D. al ritorno Antifona e Benedizione Sacramentale.

La Musica verrà affidata al Maestro Antonio Pace.

### FESTE ESTERNE

**Giovedì 7, Venerdì 8 e Sabato 9 Aprile**—Distribuzione di Pane ai poveri di Floriana.

**Mercoledì 6 e Giovedì 7 Aprile** alle ore 8 p.m.—Illuminazione parziale. Una Banda popolare eseguirà un programma musicale in Piazza Sant'Anna.

**Venerdì 8 Aprile** ore 8 p.m.—Illuminazione parziale.

Ore 8.30 p.m.—La Filarmonica Vilhena della Floriana percorrerà le principali vie della Floriana a suon di briose Marcie.

**Sabbato 9 Aprile** ore 8 p.m.—Illuminazione generale.

Ore 8.15 p.m. —La Filarmonica S. Giuseppe del Hamrun percorrerà a suon di marcie, alcune vie della Floriana indi eseguirà un programm in Piazza Sant'Anna.

Ore 8.30 p.m.—Dopo che avrà percorso a suon di marcie alcune vie della Floriana la Filarmonica Stella Maris della Sliema eseguirà un programma sulle fosse.

Ore 10.30 p.m.—Grande Giuoco Pirotecnico dirimpetto la Chiesa Arcipretale di San Publio.

**Domenica 10 Aprile** ore 12 a.m.—La Filarmonica Vilhena della Floriana percorrerà le principli Vie della Floriana a suon di briose marcie.

Ore 5 p.m. —La Filarmonica S. Giuseppe del Hamrun e Stella Maris della Sliema dopo che avranno percorso a suon di briose marcie alcune vie della Floriana suoneranno programma in Piazza Sant'Anna e sulle fosse rispettivamente.

Ore 7 p.m.—Illuminazione generale.

Ore 10.15 p.m.—Giuoco pirotecnico dirimpetto la Chiesa Arcipretale di San Publio.

5-4-1932 L'ARCIPRETE

EMPIRE PRESS

*Programm tal-Festa - 1932*

*Innu għal nhar il-Festa - 1934*

LILL
MALTA
NHAR IL FESTA TA BINHA

## SAN PUBLIU MARTRI

**15 T'APRIL 1934**

X' inhu dan tighec O ħelua Malta,
Il għaliex katt narac imniccta?
La taktax kalbec Alla hu migħec
Deh! la tibkax f'l hemda u 's sicta.

Kum fis ismghani! illum hu tighec
Dac il jum sbeijah u li ifaccarna
F'Ibnec Publiu li għal imgiebtu
Colla chemm hia 'd dinja tfaħħarna.

Kum iva immela O Malta tighei!
Minnec jitbigħed il guaj bla deumien,
Itlob lil Publiu; dan uisk iħobboc,
Bħal drabi oħra jatic il ħelsien.

Għażiża tigħei xein la titbecca
Għax vittma inti tac-ciocon tigħec,
Li kghed issofri sgur m'hux ħag 'ohra
Hlief gheira ta' min fi Cristu m'hux mighec.

Xein la tittiefes, il cobor tal ghadu
Lilec dan jirbaħ ma icun katt sigur.
Ghalxejn iheddec ta xein hua ibezzac
Ibka kuddiemu kauuija bhal sur.

Jecc inti ckeichna xein ma jimporta
Hemm Publiu iharsec, jiddefendic,
Forsi m'hux hua ried lill cbir Paulu
Ixandar lill Cristu u'l Fidi jatic?

Forsi m'hux hua jeu bit-talb tighou
Ftit taz-zmien ilu il ghadu irbaht?
Hecc ucoll issa int tohrog rebbieha.
Sofrieh ghal Cristu jecc inti minn taht.

Seijah l'uliedec colla chemm huma
Mighec jissiehbu u bit talb tahhom
Lein edac Publiu fis jirricorru
Bhala missierhom Hua jismahhom.

*Edin* il festa li jghamlu Lilhu
Hi sinjal ciar li Hua f'kalbhom,
Ma jonkosx mela li ma imurx Hua
Lein it-tron t'Alla iressak talbhom.

Taht il mant kauui tal Patrocinju
Minn tal cbir Publiu inxtehet mela
Fin nichet tighec O Malta tighei
B'cull farag inti thossoc tintela.

Iva o Publiu paisan minn taghna
Ideic zomm dejjem fuk din il Ozira,
Deh katt la thalli -li tcun mirbuha
U tal ghedeuua li taka rsira.

*U int O Alla li tista collox*
Hemm minn gios-Sema ilka it-talb taghna
M'ahniex le denji, imma ghal meriti
Tal glorius Publiu fittex ismaghna.

Nihil obstat. Melitæ, die 7 Martii 1934
FR. ANT. M. TONNA BARTHET, O.S.A.,
*Cens. Theol.*

ANT. AGIUS

EMPIRE PRESS